MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2011

Numru. 1352/2011

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR GODWIN SCERRI**

**KONTRA**

**LEANDRO ACQUAVIVA TA' 23 SENA**
**IBEN GIOVANNI U ROSETTA XEBBA BATTAGHLIA**
**IMWIELED FIT-23 TA' FRAR, 1988 GEWWA VITTORJA**
**ITALJA U RESIDENTI GEWWA FOND 'PANORAMA**
**FLATS',**
**TRIQ IL-BAJJA, BALLUTA, SAN GILJAN id 57693 (A)**

**U**

**VINCENZO BOTTARO TA' 20 SENA IBEN CARMELO**
**U LUCIFORA XEBBA SALVATRICE MWIELED**
**FIS-26 TA' OTTUBRU, 1991 GEWWA VITTORIA**
**ITALJA**
**U RESIDENTI GEWWA FOND 'PANORAMA FLATS',**
**TRIQ IL-BAJJA, BALLUTA, SAN GILJAN ID 65480 (A)**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmija **LEANDRO ACUAVIVA** u **VINCENZO BOTTARO** li gew akkuzati talli:

1. F’dawn il-gzejjer, nhar it-30 ta’ Novembru, 2011 tat-tlieta ta’ filghodu, gewwa n-Native Bar, San Giljan, ikkommettew serq ta’ handbag, mobile phone, cwievet, credit cards u flus kontanti, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u l-ammont u ghad-detriment ta’ Angeline Marie Giustiniani ta’ nazzjonalita’ Franciza, bi ksur ta’ l-Artikoli 261 (c) (f), 267, 279 (a), 270 tal-Kapitlu 9 tal-Ligjiiet ta’ Malta;

2. **Vincenzo Bottaro wahdu** talli fix-xahar ta’ Novembru, 2011 u fix-xhur ta’ qabel b’diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, liema gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat u dan bi ksur ta’ l-Arikoli 18 u 334 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. **Vincenzo Bottaro wahdu** akkuzat talli fix-xhur ta’ bejn Ottubru u Novembru 2011 gewwa Hugos Bar, San Giljan b’diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksur l-istess dispozizzjoni tal-ligi, liema gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, ikkommetta serq ta’ mobile phone Nokia kif ukoll Blackberry Phone, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur ghad-detriment ta’ nies mhux maghrufa u dan bi ksur tal-Artikoli 18, 261 (c), 267, 279 (a) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

4. **Leondro Acquaviva wahdu** akkuzat talli b’diversi atti maghmulin minu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksur l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, liema gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

a. Fix-xhur ta' Ottubru u Novembru, 2011 minn gewwa Native Bar, San Giljan, ikkommetta serq ta' mobile phone Samsung Google u camera digitali Nikon Cool Pix, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u l-ammont ghad-detriment ta' nies mhux maghrufa bi ksur tal-Artikoli 18, 261 (c) (f), 267, 279 (a), 270 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. Akkuzat ukoll talli fix-xahar ta' Novembru, 2011 minn gewwa Hugo's Bar San Giljan ikkommetta serq ta' mobile phone Nokia E72 u Samsung Moible phone liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u bil-valur, ghad-detriment ta' nies mhux maghrufa u dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 261 (c), (f), 267, 279 (a), 270 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. U akkuzat talli fix-xahar ta' bejn ix-xhur ta' Lulju u Awissu 2011 minn gewwa Native Bar San Giljan ikkommetta serq ikkwalifikat bil-hin u dan bi ksur tal-Artikoli 18, 261 (f), 270 tal-Kaptilu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ammissjonijiet bikrija taghhom.

Rat li dawn gew konfermati.

Semghet it-trattzzjonijiet dwar il-piena.

Rat l-Artikoli 18, 261(c), 261 (f), 267, 279(a), 270, 334 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tikkundanna lil **Leandro Acquaviva** ghal piena karcerarja sospiza ta' sena sospiza ghal sentejn u lil **Vincenzo Bottaro** ghal disa' xhur sospizi ghal sena u nofs wara li rat l-artikolu 28A tal-Kapitlu 9.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------